HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

## Minuti tal-ħamsa u sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

Il-65 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija. Fl-assenza taċ-*Chairperson*, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia u l-Membri s-Sur Joseph Agius u s-Sur Norman Clews. Is-Sur Nicholas Azzopardi u ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-64 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia semma l-ħajt li hemm fi Triq is-Sebellika maġenb l-ispiżerija u qal li dan kien tnaddaf. Is-Sur Farrugia qal ukoll li kienu tlestew il-*parking bays* fi Triq il-Berebies.

Is-Sur Clews ressaq talba li saret minn xi residenti sabiex isiru *parking bays* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Clews staqsa jekk kienetx intbgħatet l-ittra lill-Uffiċjali ta' Smart City dwar art li hija proprjetà tagħhom u li qiegħda sservi għar-rimi llegali ta' materjal. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-korrispondenza kienet intbgħatet kif deċiż mill-Kumitat.

Tressqu l-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika 2015 u dawn ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Agius. Is-Sur Farrugia qal li kien diżappuntat bin-nuqqas ta' parteċipazzjoni mill-pubbliku għal din il-laqgħa.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta tal-Viċi-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat Amministrattiv approva unanimament l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2015.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Farrugia talab li titnaddaf u jitħawwlu xi fjuri fit-*traffic island* ta' Triq l-Għakrux.

Is-Sur Agius talab li jinżabru xi siġar li hemm fi Triq l-Għakrux kif ukoll li tinkines aħjar it-triq.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq in-Naħla.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-66 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 16 t' April, 2015.

Luciano Farrugia
Viċi-*Chairperson*